NEWSPAPER POST

# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Lulju - Awissu 1988 Nru 43

### *Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

# Qaddis Kbir b'messaġġ għad-Dinja ta' llum

Lulju jġibilna miegħu l-festa tal-Qaddis Patrun tagħna San Ġorġ. Festa kbira għal Qaddis Kbir!

Jiena persważ li lkoll kemm aħna nirsistu u nitħabtu sabiex il-festa li nagħmlu lil San Ġorġ tkun tixraq lil dan il-Megalomartri, li ċarċar demmu għall-fidi tiegħu fi Kristu. Il-Bażilika tagħna bl-armar sabiħ tagħha, il-funzjonijiet li jsiru bl-akbar solennità u serjetà; it-tiżjin tat-toroq; il-marċi tal-Banda La Stella, huma xi ftit mill-ingredjenti li jsawwru l-festa popolari ta' Ġorġi tagħna.

Iżda ħażin għalina Jekk nieqfu hawn! Il-Festa tiġi u tmur; l-importanti hu x'effett tħalli warajjha l-festa ġewwa fina!

Fil-festa ta' San Ġorġ, iktar minn jiem oħra aħna jkollna iktar ċans li nisimgħu dwaru: nifhmu aħjar x'wettaq f'ħajtu biex wara li hu ta' Kristu: u jeħtieġ li fuq l-eżempju tiegħu aħna ukoll nuru b'egħmilna li aħna ta' Kristu.

*U x'tagħlima jagħtina San Ġorġ?*

San Ġorġ ifakkarna fit-tagħlim tal-Imgħallem Ġesù:

**"Min irid jimxi warajja, jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum u jimxi warajja!"**

*San Ġorġ ċaħad lilu nnfisu:*

- ma ħalliex l-unuri jagħmlu bih;
- qassam it-teżori tal-familja u tahom lilll-foqra;
- ta l-ħelsien lill-ilsiera li kienu jaqdu f'daru;
- ma qagħadx ikejjel x'ser jitlef jekk joħroġ jiddefendi lill-insara;

*San Ġorġ refa' salibu:*

- sofra kull xorta ta' martirju
- bata l-insulti ta' Deoklezjanu
- tnikket meta ra l-insara jiġu immaltrattati
- tnieħed meta ra l-odju li kien jeżisti kontra l-Knisja ta' Kristu.

*San Ġorġ mexa wara Kristu:*

- ra fiH id-DAWL u mexa fid-Dawl;
- ra fiH il-ĦAJJA u għix fiH;
- ra fiH it-TRIQ u mexa biH;
- ra fiH il-VERITÀ u stagħna biH.



*SAN ĠORĠ - L-ewwel statwa titulari f'Għawdex, xogħol fl-injam ta' Pawlu Azzopardi, 1839.*

*Dan hu li jrid minn San Ġorġ: nimitawh f'ħajjitna, billi:*

- niċħdu lilna nfusna, billi nagħarfu x-xejn tagħna u nammettu li aħna niddependu minn Alla u Alla biss.
- Nerfgħu salibna kuljum: mhux qed jistenna martirju minna, iżda li naċċettaw is-slaleb li jogħġbu jibgħatilna fil-ħajja tagħna;
- Nimxu wara Ġesù billi naċċettawh bħala il-Leader tagħna, li jaf it-triq li minnha għandna ngħaddu.

***Dan hu l-awgurju li nixtieq nagħmlilkom ilum: nixteqilkom ilkoll il-festa t-tajba, u j'Alla l-festa ta' din is-sena tgħinna nimitaw iktar lil Ġorġi tagħna.***

*L-Arċipriet*

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali:

14.5.88:
MICHAEL, iben George Vella u Josephine neè Buttigieg
15.5.88:
ELENA, bint George Agius u Maria Dolores neè Bajada
16.5.88:
JOSEPH-PAUL, iben John Gunn u Deborah neè Brown
28.5.88:
JASON, iben Mario Buhagiar u Frances neè Spiteri
12.6.88:
ANTHONY-MARIO, iben Anthony Grech u Paula neè Saliba.
**19.6.88**
STEPHANIA, bint Joseph Rapa u Josephine neè Cefai

## Marru jiltaqgħu mal-Ħallieq:

21.5.88: Rosaria Caruana
26.5.88: Anton Vassallo

## Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ:

21.5.88: Joseph Saliba u Elizabeth Apap
28.5.88: Noel Attard u Silvana Camilleri
18.6.88: Gregory Formosa (Kercem) u Georgina Cefai.
25.6.88: Joseph Xuereb u Anna Maria Spiteri

***Donazzjonijiet għar-RIVISTA:***

Mr & Mrs Sam Galea 30 US
Kan. Sav. Calleja: Lm1
Joseph Pace (Hamrun): Lm5
Maria Vassallo: Lm2
Anton Ellis: Lm2

**ĦINIJIET TAL-QUDDIES FIL-GĦAXIJA**

**ĦDUD U FESTI:** 5.00 p.m.
**MATUL IL-ĠIMGĦA:** 5.30 p.m., 7.00 p.m.

## Żjara tal-KARD. OTUNGA lill-Bażilika Tagħna

L-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Maurice Otunga, Arcisqof ta' Nairobi fil-Kenja għamel żjara lill-Bażilika tagħna nhar it-Tnejn 27 ta' Ġunju 1988. Huwa ġie milqugħ minn Mons Arċipriet S. Borg u membri oħra tal-Kapitlu u Kleru. Il-Kardinal Otunga, li deher imsaħħar bil-ġmiel tal-Knisja tagħna għamel kelmtejn lill-folla li nġabret biex tagħtih merħba. Il-Kardinal Otunga kien qiegħed Għawdex biex jieħu sehem fil-festi triċentinarji tal-parroċċa tan-Nadur.

*Editorjal:*

# IL-FESTA



Il-ġranet għaddew. Ix-xhur tgerrbu. Il-festa tagħna ta' San Ġorġ reġgħet waslet. Lulju jġibilna miegħu ġranet ta' ferħ u briju li llum saru jfissru l-festa popolari ta' San Ġorġ ċelebrata b'sollennità fil-parroċċa tagħna, fil-belt Victoria.

Il-qofol tal-festa huwa bla dubju ta' xejn il-funzjonijiet u ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-Bażilika tagħna. Mijiet ta' parruċċani joħonqu matul il-ġranet tal-festa l-Bażilika tagħna u jassistu għal funzjonijiet kollha. Ħafna jieħdu sehem f'attivitajiet oħra ta' natura spiritwali jew filantropika u jgħinu kemm jistgħu. Iżda dejjem jibqa' dawk il-ftit li għandhom ma jistgħux jifhmu li l-festa ma tiġix biss biex inżanżnu xi libsa, nagħmlu ikla tajba, nixorbu xarba birra, imma biex bħala nsara nissaħħu fil-fidi tagħna bħal San Ġorġ li ċarċar demmu bla biża' biex ma' jitlifx il-glorja eterna.

Issa niġu għal affarijiet oħra, li għalkemm ma humiex ta' importanza daqs il-punt li semmejna, jiffurmaw parti mit-tradizzjonijiet tal-festi tagħna. Il-Banda La Stella, li f'idejha huma fdati l-festi esterni tagħmel kull ma tista' biex dawn ukoll jirnexxu. Il-ħidma f'dan il-qasam tibda kmieni u titlob sagrifiċċji kbar. Tajjeb għalhekk li l-parruċċani kollha japprezzaw dan ix-xogħol disinteressat tal-Kumitat tal-Banda La Stella u jgħinu jekk jkunu jistgħu billi joffru l-għajnuna tagħhom jew inkella billi jkunu ġenerużi fil-ġabra li ssir għal dan l-iskop.

Il-festa ta' San Ġorġ minn dejjem kienet waħda li tigdeb eluf ta' nies u daż-żmien ikollna fostna wkoll mijiet ta' barranin li jkunu hawn għall-btala. Dawn jieħdu gost jgawdu magħna, jaraw it-tradizzjonijiet popolari tal-festi maltin, iżda jixraq li lkoll kemm aħna nġibu ruħna ta' nsara mhux biss mill-bieb tal-knisja 'l ġewwa, imma wkoll waqt iċ-ċelebrazzjonijiet esterni speċjalment f'ċerti marċijiet tal-festa.

Għalhekk inħeġġu lil kulħadd biex waqt li nagħtu s-sehem tagħna għa-suċċess tal-festa niċċelebrawha kif jixraq lill-poplu ċivilizzat u nisrani biex b'hekk inkunu ta' eżempju għal kulħadd.

**NIFIRĦU....**
lil EMANUEL BUTTIGIEG, seminarista mill-Parroċċa tagħna li nhar is-Sibt, 25 ta' Ġunju 1988 irċieva d-DJAKONAT minn idejn l-Ecc. Tiegħu Mons. Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex.

# SAN ĠORĠ U L-MARTIRJU

Punti mill-Omelija li l-E.T. Mons. Nikol Cauchi, l-Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan għamel fil-Bażilika ta' San Ġorġ waqt Pontifikal Solenni li sar fit-23 t'April 1988.

*Ma nistgħux nifirdu lil San Ġorġ mill-martirju: malli ssemmi l-isem tal-Patrun tagħna, dlonk jitfaċċa quddiem għajnejk il-Martirji li huwa sofra.*

Il-Martirju huwa xhieda ewlenija tal-**FIDI** u tal-**KARITÀ**

Mill-Martirju ukoll hija ġejja l-**GLORJA** u l-**QIMA** mill-Insara ta' kull żmien, ta' kull nazzjon.

**X'Inhu l-martirju?**

Jekk wieħed jipprova jwieġeb din il-mistoqsija bil-psikoloġija, jew inkella bix-xjenzi moderni, jibqa' biex ma jifhem assolutament xejn.

L-ebda liġi psikoloġika ma tasal biex tfisser, kif il-MARTRI jibqgħu daqshekk sodi quddiem il-martirju li jġarrbu.

• Jekk irridu nifhmu x'inhu **l-martirju,** irridu nistudjawh fid-dawl tal-fidi.

**Tagħlim ta' San Tumas fuq il-martri**

San Tumas d'Aquino jgħid li:

*"Il-Martri resaq għall-mewt*
*- b'Leħen Ħieles*
*- b'Ruħ Safja*
*- bil-Qawwa t'Alla.*

**Leħen Ħieles:** Bħala ulied Alla aħna ġejna meħlusa minn Kristu: u San Ġorġ eżerċita l-qdusija ta' wlied Alla. Quddiem it-tirann San Ġorġ iddefenda d-drittijiet ta' Alla.

**Ruħ Safja:** San Ġorġ għaraf is-sbuħija tal-ħwejjeġ ta' Alla għax kellu ruħ safja. Il-martirju jfisser innoċenza. Innoċenza li wasslitu jirreżisti kontra l-ħażen.

**Qawwa t'Alla:** San Ġorġ għex dejjem imsaħħaħ b'din il-qawwa ta' Alla. U din il-qawwa libbsitu b' kuraġġ u saħħa biex ikun jista' jirċievi l-martirju u jaffronta il-mewt.

• *Barra minn hekk din l-istess qawwa t'Alla li assistietu waqt il-martirju u l-mewt, baqgħet miegħu anke wara mewtu biex timliħ bil-glorja u tagħmlu meqjum u maħbub minn popli sħaħ imxerrda mal-erbat irjieħ tad-dinja.*



*Dettal minn wieħed mill-kwadri laterali fil-Kor tal-Bażilika tagħna, xogħol il-magħruf pittur Francesco Zahra.*



## Maħtur Kavallier ta' l-Ordni tas-Sepulkru Mqaddes

Fis-26 ta' Marzu li għadda fil-Katidral ta' Ġibiltà, il-Kan. On. Dun Koronat Grima ġie maħtur Kavallier ta' l-Ordni tas-Sepulkru Mqaddes ta' Gerusalemm. Iċ-Ċerimonja kienet immexxija mill-Isqof ta' Ġibiltà, Mons Devlin. Għal din l-okkażżjoni attendew bosta Kavallieri u Dami Spanjoli u Ngliżi membri ta' din l-istess Ordni. Lill-Kan. On. Dun Koronat Grima filwaqt li nifirħulu nawgurawlu ħidma ta' fejda fost il-poplu ta' Ġibiltà fejn ilu jaħdem għal dawn l-aħħar tnax-il sena u preżentement huwa wkoll kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġużepp f'dik id-Djoċesi.

**Il-Ħadd, 10 ta' Lulju:**
Fil-10.00 a.m.: Mons. Arċipriet Salv Borg imexxi konċelebrazjoni flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru bħala ftuħ uffiċċjali tal-festi. Mistiedna speċjali jkunu l-emigranti Ġorġjani li jkunu ġew fostna għall-festa, kif ukoll l-qraba tagħhom. Jingħata messaġġ ta' tifkira sabiex jintbagħat lill-emigranti kollha.
Jieħu sehem il-Kor "Chorus Urbanus".

**It-Tnejn, 11 ta' Lulju:**
Fis-7.00 p.m.: Konċelebrazzjoni mmexxija mill-W. Rev. Dun Manwel Curmi, Direttur tal-Uffiċċju Promozzjoni Umana fil-Kurja t'Għawdex. Fit-tmiem tal-Quddiesa l-parroċċa toffri dak kollu li jkun inġabar fil-Kampanja ta' Ġenerożità b'risq l-Istituti t'Għawdex.

**It-Tlieta, 12 ta' Lulju:**
Fis-6.15 p.m.: Laqgħa għaż-Żgħażagħ, li fiha Fr. Charles Fenech O.P. imexxi talb u quddiesa u jagħti il-messaġġ tiegħu liż-żgħażagħ kollha.

Fis-7.30 p.m.: Ħruġ min-niċċa ta' l-Istatwa ta' San Ġorġ, kapolavur fl-injam u l-ewwel statwa titulari f'Għawdex.

**L-Erbgħa, 13 ta' Lulju:**
Fil-4.30 p.m.: Quddiesa għall-Anzjani u l-morda tal-parroċċa. Jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda u tingħata tifkira lil dawk preżenti. Imexxi din l-funzjoni Mons. Lawrence Gatt, Direttur tad-Dar tal-Providenza (Siġġiewi).
Fis-6.30 p.m.: Għasar bil-Kant Polifoniku u Priedka mill-W.Rev. Dun Effie Masini Lic.Sc.Soc., Direttur tal-Vokażżjonijiet fil-parroċċa.
Wara l-Priedka: Innu, Antifona, u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Fid-9.30 p.m.: Dimostrazzjoni bl-Istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel, xogħol ta' Chev. Alfred Camilleri Cauchi. Tieħu sehem il-Banda La Stella. Fi Triq ir-Repubblika logħob tan-Nar maħdum mill-aħwa Farrugia.

**Il-Ħamis, 14 ta' Lulju:**
Fit-8.15 a.m.: Konċelebrazzjoni b'suffraġju tal-membri tal-komunità Parrokkjali li mietu matul din is-sena, mill-aħħar Festa ta' San Ġorġ 'l hawn.

Fil-5.00 p.m.: Quddiesa mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi għat-Tfal kollha tal-Parroċċa. Jiġu amministrati, s-Sagramenti ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma lill-ulied ta' emigranti li jkunu fostna għall-festa. Issir il-Premjazzjoni għall-aħjar Tifel u Tifla taċ-Ċentri kollha tad-Duttrina tal-Parroċċa. It-tfal jingħataw tifkira ta' l-okkażżjoni.

Fis-6.30 p.m.: Għasar Kantat u kollox bħal jum ta' qabel.

***Programm ta***
***li ser jiġu Iċċelebr***
***f'ġie***

# SAN ĠORĠ M

Patrun t'G

**10 - 17 ta' L**





Fid-9.30 p.m.: Marċ brijuż mill-Banda La Stella mat-Toroq Ewlenin tal-Parroċċa.

**Il-Ġimgħa, 15 ta' Lulju:**
Fit-8.15 a.m.: Konċelebrazzjoni għall-benefatturi ħajjin u mejtin tal-Bażilika tagħna.

Fis-6.00 p.m.: Għasar Kantat u kollox bħal jum ta' qabel.

Fid-9.30 p.m.: Dimostrazzjoni bl-Istatwa ta' San Ġorġ, kapolavur ta' Vincenzo Cremona u l-ewwel statwa titulari tal-festi esterni ġewwa Għawdex Tieħdu sehem il-Banda La Stella li f'din l-okkażżjoni żżanżan sett ġdid ta' marċi brijużi. Fi Triq ir-Repubblika logħob kbir tan-Nar maħdum mill-aħwa Farrugia.

**Is-Sibt, 16 ta' Lulju:**
Fit-8.15 a.m.: Konċelebrazzjoni għas-Saċerdoti Mejtin tal-Parroċċa tagħna u Kant tat-Te Deum bħala egħluq tat-Tridu.

Fid-9.30 a.m.: Marċ Brijuż minn Pjazza San Ġorġ sal-Każin.

Fil-11.00 a.m.: Riċeviment fil-Każin ad unur ta' l-E.T. Mons. Isqof N. Cauchi u l-Kapitlu Ġorġjan.

Fil-5.30 p.m.: Quddiesa letta bl-Omelija li tissodisfa l-obbligu tas-smigħ tal-quddies tal-Ħadd.

Fis-6.00 p.m.: Marċ mill-Banda La Stella mill-Każin sa' Pjazza San Ġorġm biex tilqa' il-wasla tal-E.T. Mons. Isqof Djoċesan, Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan.

Fis-6.30 p.m.: Transulazzjoni Solenni u Għasar Pontifikali mmexxi mill-E.T. Mons. Isqof flimkien mal-Kapitlu. Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

*Festi Solenni*
*ti fil-Belt Victoria*

# EGALOMARTRI

ħawdex

## ulju 1988





Fit-8.00 p.m.: Programm Mużikali fi Pjazza San Ġorġ mill-Filar. King's Own tal-Belt Valletta, Jiddiriegi Mro. Carmelo Caruana.

Fid-9.30 p.m.: Esekuzzjoni mill-Banda La Stella fi Pjazza San Ġorġ ta' l-Innu MMortali "A San Giorgio Martire", versi ta' Prof.L. Billion, mużika ta' Mro. G. Giardini Vella. Jieħdu sehem Baritonu, Tenur u l-Kor tas-Soċjetà. Jiddieriegi Mro. Joseph Vella B.Mus. (Dunelm) F.L.C.M. Dritt wara Marċ uniku għall-gżejjer Maltin, bis-sehem taż-żewġ baned cittadini: King's Own u La Stella, li matulu jdoqqu marċi brijużi bħala Massed Band. Fit-tmiem tal-marċ jinħaraq Logħob Kbir tan-Nar fi Pjazza Savina, xogħol ta' l-aħwa Farrugia.

**Il-Ħadd, 17 ta' Lulju: JUM IL-FESTA**
Fit-8.00 a.m.: Marċ mill-Banda Filar. King's Own.

Fit-8.15 a.m.: Wasla tal-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi u Kant tat-Terza.

Fit-8.30 a.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi Ph.D, Lic.Sc.Soc., Jinseġ il-Paniġierku l-W.Rev. Kan. Dun Nikol Vella Apap.

Fil-10.30 a.m.: Marċ Popolari bis-Sehem tal-Banda Filar. King's Own u l-Banda San Ġorġ ta' Ħal-Qormi mat-toroq ewlenin tal-Belt Victoria.

11.00 a.m. Tqassim ta' Premijiet mill-Ministru għal Għawdex ġo Villa Rundle fi tmiem il-Wirja ta' Klieb u Għasafar li ser tittella' mill-Malta Kennel Club u mill-Għaqda Maltija ta' l-Agħsafar flimkien mas-Soċjetà Agrarja ta' Għawdex.

Fit-3.00 p.m.: Il-Banda La Stella xxandar fuq Radio Malta 1 is-sett ġdid tal-marċi tagħha.

Fit-3.30 p.m.: Tiġrijiet Kbar bis-sehem ta' l-aqwa bhejjem minn Malta u Għawdex. Jitqassmu premijiet sbieħ lir-Rebbieħa mill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Anton Tabone.

Fil-5.00 p.m. Quddiesa bl-omelija mill-W.R. Mons C. Scicluna, Arċipriet tal-Katidral.

Fis-6.15 p.m.: Għasar Solenni mmexxi mill-W.Rev. Arċipriet Mons. Salv Borg. Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Fis-6.30 p.m.: Marċ Brijuż mill-Banda Dekana l'Isle Adam tar-Rabat ta' Malta minn Pjazza San Franġisk sa' quddiem il-Bażilika.

Fis-7.30 p.m.: Tibda ħierġa l-Purċissjoni Pontifikali. Il-Banda La Stella tesegwixxi l-Innu "A San Giorgio Martire", bis-sehem tat-Tenur, Baritonu u l-Kor.

Fit-8.00 p.m.: Tibda timmarċja l-Purċissjoni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Djoċesan bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru Ġorġjan u l-membri ta' l-Ordnijiet Reliġjużi tal-Belt Victoria. Takkumpanja l-Banda La Stella b'daqq ta' innijiet popolari u reliġjużi, fosthom "Lil Kbir Martri San Ġorġ" mużika ta' Mro. Vincenzo Ciappara u versi ta' Patri Akkursju Xerri OFM, u "Georgius Natus Est" mużika ta' Mro Joseph Vella u versi tal-Kan. Joe Mejlak.

Fit-8.30 p.m.: Programm Mużikali fit-Tokk mill-Banda Dekana l-Isle Adam.

Fil-10.15 p.m.: Daħla trijonfali ta' l-Istatwa ta' San Ġorġ fost il-briju u l-entużjażmu tal-Ġorġjani Għawdxin u Maltin.

Fil-11.00 p.m. Marċ brijuż mill-Banda La Stella li bih jingħalqu dawn il-festi ewlenin tal-gżejjer tagħna.

* *Il-Mużika fil-Bażilika tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella B. Mus. (Dunelm) F.C.L.M., Maestro di Cappella.*

* *Fil-jiem tat-Tridu jiġi esegwit l-Innu "Georgi Miles Inclite", kompożizzjoni ta' Mons. Ġużeppi Farrugia u l-Antifona kliem ta' San Pier Damiani u mużika ta' Mro. Carlo Falmengo.*

* *F'jum il-festa tiġi esegwita l-Quddiesa "Mass in D Major" kompożizzjoni ta' Mro. Joseph Vella.*

* *Opri Ġodda fil-Bażilika: L-indiratura tal-Prospettiva ta' l-Artal ta' San Pawl u restawr fl-indiratura fil-kappella ta' San Mikiel, xogħol is-Sur Ġużè Sagona.*

* *Quddies fil-Bażilika nhar Jum il-Festa:*
*Fil-4.00 a.m., 5.00 a.m., 6.00 a.m., 6.30 a.m., 7.00 a.m., 7.30 a.m., 8.00 a.m., 8.30 a.m., (Pontifikal) 9.00 a.m, 10.00 a.m., 11.00 a.m., 12.00 p.m., 1.00 p.m., 4.00 p.m., 5.00 p.m.*
*Il-quddies tat-8.00 a.m., 9.00 a.m., 10.00 a.m., isiru fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali.*

* *Matul il-ġranet tal-Festa jkun hemm Trips regolari bejn Malta u Għawdex.*

*Ħsieb Marjan*

# MARIJA MTELLA' IS-SEMA

Sliema Għalik,
ja Verġni Imbierka,
ja Omm ixxurtjata,
Sultana tas-Sema.
Reġina ta' l-Art.

B'għajnejna msammra
b'ħarsitna 'il fuq,
qed nilmħu lill-anġli
jixxabtu jilqgħuk.

Qed nilmħu ġgajta oħra
li ħadda ma jista' jgħodd:
ta' martri, ta' verġni,
t'erwieħ kollha safja,
b'idejhom miftuħa
biex lilek jaħħnu
u ħdejhom iżommu
biex tagħhom
int tkun sultana u sidt.

Is-sliem, is-sliem, itennulek,
nies xwejjħa tal-qedem testment:
Is-sliem, is-sliem, jinsġulek,
l-erwieħ it-twajba mdawwra bid-dija.

Filwaqt li Alla Missier
ilibbsek il-Kuruna tal-glorja,
u Alla l-Iben iħares f'għajnejk
u jtennilek l-kelmiet:
is-Sliem, ommi l-għażiża,
Ruħ il-Qodos, jgħannqek miegħu
filwaqt li jinstemgħu noti ħelwin:
"Ejja għarusa tiegħi".

U hemm, Sultana,
u hemm, Reġina,
int lejna tħares,
u taħt il-mant kaħlani
tiegħek,
tiġborna,
filwaqt, li bit-tbissima
turina li
postna,
pajjiżna,
darna
hi hemm, fil-ġenna.

Għalhekk, o Omm kollok ħniena
o Omm mimlija bl-imħabba,
ħarisna, mexxina
għinna,
biex bħalek
ingawdu lil Alla
għal dejjem...għal dejjem.

## Saċerdot Ġorġjan maħtur Lecturer fil-Fakulta Teoloġika f'Malta



Ktieb ta' interess speċjali għalina l-Kattoliċi li, iżda, rarament insibu bħalu fuq l-ixkafef tal-kotba tagħna, huwa dak li għadu kif ġie ppublikat mis-saċerdot tal-Parroċċa tagħna.

Dan il-ktieb, li hu bl-Ingliż u li hu ntitolat *The Church and the Muslims,* huwa xogħol ta' Fr Joseph Farrugia, wieħed mis-saċerdoti żgħażagħ tagħna u għalliem tat-teoloġija fis-Seminarju t'Għawdex. Huwa frott ta' l-istudju li għamel f'Ruma u li permezz tiegħu kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija.

The Church and the Muslims jiġbor fih it-tagħlim tal-Knisja dwar il-miljuni kbar ta' bnedmin li jħaddnu reliġjonijiet mhux insara, u l-aktar dwar il-Musulmani. Il-Knisja tixtieq li l-Insara jkunu jafu kif għandhom iħarsu lejn dawn il-bnedmin ħuthom, jistmawhom u jirrispettawhom.

Fr. Farrugia, propju f'dawn il-jiem, ġie nominat bħala **membru ta' l-istaff permanenti tal-Fakultà Teoloġika ta' Malta** u minn Ottubru li ġej ser jibda l-ħidma tiegħu hemmhekk bħala lecturer fit-Teoloġija Fundamentali u Dommatika u fl-Ekumeniżmu.

**Nifirħu lil Fr. Joseph Farrugia, u lkoll kemm aħna nħossuna kburin bil-ħidma tiegħu.**

## WIRJA NHAR SAN ĠORĠ

Għall-ewwel darba din is-sena ser tiġi organizzata wirja fil-ġonna ta' Villa Rundle, Victoria, bli skop li tkompli tkabbar il-festi ta' barra ta' San Ġorġ. Il-wirja, li ser tkun magħrufa bħala l-Wirja tal-Klieb u Agħsafar, qed tinżamm bl-iniżżjattiva tal-Gozo Agricultural, Industrial & Cultural Society.

Illum il-ġurnata ħafna huma dawk id-dilettanti tal-'pets' tad-dar, u għalhekk dil-Wirja żgur li għandha tattira kemm lil dawk li jkunu jixtiequ jipparteċipaw fiha, kif ukoll oħrajn li jżuruha.

Interess partikolari qed juru ż-żewġ soċjetajiet tal-klieb u tal-agħsafar imwaqqfa f'Malta, Malta Kennel Club u l-Għaqda Maltija tal-Agħsafar, li qed jikkoperaw bis-sħiħ mal-organizzaturi fi sforz biex il-Wirja tinżamm fuq bażi nazzjonali.

Il-Wirja se tkun miftuħa għall-pubbliku nhar il-Ħadd, 17 ta' Lulju, jum il-Festa ta' San Ġorġ, mis-7.30 a.m. sa nofs in-nhar. Il-'pets' li se jkun hemm għall-wirja jiġu ġudikati taħt kategoriji differenti, u fil-11.00 a.m. issir ċ-Ċerimonja tal-Preżentazzjoni tat-Trophies lir-rebbieħa.

Huwa maħsub li din il-Wirja tibqa' tinżamm regolarment ta' kull sena fit-tielet Ħadd ta' Lulju.

# DON BOSCO il-Qaddis tat-Tbissima



*Mitt Sena mejjet u għadu ħaj!!*
*1888 - 1988*

**"X'RIGAL TIXTIEQU NAGĦTHIELKOM?"**

Hija drawwa ġewwa l-Italja li fil-festa tal-qaddis li għalih tkun imsemmi, il-qrabat tiegħek u l-ħbieb tiegħek jagħmlulek xi festa. Fiha jagħtu ukoll xi rigali.

Don Bosco kien jiffesteġġja l-24 ta' Ġunju, jum it-twelid ta' San Ġwann Battista, il-qaddis li għalih kien imsemmi. Don Bosco kien jaf ukoll li t-tfal u ż-żgħażagħ ta' l-Oratorju tiegħu, għalkemm kienu jixtiequ li jagħtuh xi rigal f'dan il-jum, kienu jsibuha tassew bi tqila, peress li ma kienx ikollhom flus biex jixtruh

Allura Don Bosco, ġabarhom madwaru u qalihom: "Ara din is-sena, għall-festa tiegħi r-rigal nagħtihulkom jien. Kull wieħed minnkom jiktibli fuq biċċa karta x'rigal jixtieq, u jien, sa fejn nista' nipprova nikkuntentakom".

Fost ix-xewqat li kitbulu t-tfal, kien hemm xi wħud serji, u oħrajn taċ-ċajt. Kien hemm min talab xkora mimlija ġellewż, u kien hemm ukoll min ried għoxrin biċċa ċikkulata. Wieħed tfajjel, jismu Domenico Savio kiteb hekk: "Għinni biex insir qaddis".

Don Bosco li kien jafu sewwa, sejjaħlu ħdejh u qallu:- "Ara, Duminku, irrid nagħtik il-formula tal-qdusija. Iftakarha sewwa. L-Ewwel: ALLEGRIJA: irid narak dejjem ferħan. Tħalli xejn iħawwdek jew inikktek, għax kull ma jħawwdek u jnikktek ma jkunx ġej mingħand Alla. Meta tħossok hekk, kellem malajr lis-saċerdot".

It-Tieni: AQDI DMIREK KOLLU: agħmel sewwa dmirijietek ta' l-iskola u tal-Knisja. Studja, agħmel il-home-work, oqgħod attent fil-klassi, kun miġbur u devot fil-knisja, u qatt tfalli t-talb. Ara tagħmel dan kollu biex tidher bravu quddiem sħabek ta' l-iskola, iżda agħmlu biss biex togħġob'l Alla.

It-Tielet: KULL FEJN TISTA, AGĦMEL IL-ĠID: jiġifieri igħin lil sħabek ukoll jekk ikollok tagħmel xi sagrifiċċju. Din hi l-qdusija".

U Domenico Savio tgħallimha sewwa din il-Formola: infatti ftit taż-żmien wara sar Qaddis.



# ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

Illum inħoss li għandi nifraħ ħafna lil dawk it-tfal li għaddew mill-eżamijiet tagħhom, l-aktar lil dawk li, għax stinkaw aktar, irnexxielhom jiksbu riżultati aħjar minn ta' qabel.

Lil dawk li għaddew mill-eżamijiet kollha tagħhom inħeġġiġhom biex ma jeħdux l-iżball li fis-Sajf iqiegħdu l-kotba fuq l-ixkaffa u jħalluhom hemm għat-trab.

Minn jagħmel hekk ma jkunx juri li huwa għaqli daqskemm jista' jkun. Ir-reviżjoni hija dejjem tajba. Barra minn hekk, hemm il-qari ta' kotba tajbin u adattati.

Lil dawk li forsi m'għaddewx mill-eżamijiet kollha tagħhom ninkuraġġihom u ngħidilhom ma jaqtgħux qalbhom. Fix-xhur tas-Sajf għandhom iħejju rwieħhom sewwa biex fl-eżamijiet reparatorji jew rimedjali jiksbu r-riżultati li jkunu jeħtieġu u li, jiena ċert, huma jixtiequ jakkwistaw.

Fis-sajf għandna nistrieħu għax hekk jixraq. Iżda m'għandniex nabbandunaw kollox. Inkella jiġrilna bħal dak li jkun jittrenja kuljum u mbagħad jagħmel żmien ma jittrenja xejn. Jekk dan imur għal tellieqa bla training, faċilment jgħadduh, anki jekk is-soltu jkun jiġri ħafna.

Dawk li bħali segwew il-logħbiet tat-Tazza tan-Nazzjonijiet Ewropej jafu x'jiġifieri. Jafu kemm sagrifiċċji għamlu l-players mhux biss biex ikunu magħżulin fit-team nazzjonali ta' pajjiżhom, iżda biex ikunu mhejjijin tajjeb għal kull logħba li messhom jilgħabu.

Kollox fih is-sagrifiċċju tiegħu. Iżda aħna mhux biss lejn is-sagrifiċċju għandna nħarsu. Irridu nħarsu wkoll u aktar lejn dak li niksbu permezz tas-sagrifiċċju.

Il-premijiet kulħadd iħobbhom. Imma l-premijiet jirbaħhom min jistinka u jħabrek għalihom. Għalhekk, kuraġġ! Aħdmu u ħabirku kemm tifilħu ħalli l-premju tas-sagrifiċċju jasal ukoll.

Qabel inħallikom, kelma fuq il-festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ. Iddevertu, iżda, qabel xejn, qisu li tieħdu sehem fil-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja, l-iktar dik il-funzjoni li hija dedikata lilkom it-tfal.

Tkunu mberkin.

*Tatà.*
***IZ-ZIJU PEPPI***

# L-"AIDA" Titrijonfa fit-TEATRU ASTRA



Il-kontribut kbir li t-Teatru Astra qed jagħti ta' kull sena fil-qasam mużikali u kulturali ta' pajjiżna deher fl-aqwa fl-ewwel ġranet ta' Ġunju meta għall-ewwel darba ippreżenta b'suċċess l-opra immortali ta' Giuseppe Verdi - "Aida".

Tliet xhur biss wara l-preżentazzjoni ta' żewġ opri liriċi oħra, it-Teatru astra rnexxielu jtella' dik li għal bosta dilettanti tal--mużika klassika x'aktarx iqisuha bħala l-aktar produzzjoni ambizzjuża fost l-opri kollha. Minkejja d-diffikultajiet mhux żgħar li ltaqa' magħhom f'dawn l-aħħar ġimgħat, ostakoli u problemi ta' kull xorta, it-Teatru Astra kien determinat li jirregala lill-pubbliku din l-ġmiel ta' opra, magħrufa mad-dinja kollha għan-noti ferrieħa u l-ispettaklu li toffri. U sewwa sew dan li għamel nhar il-Ġimgħa u l-Ħadd, 3 u 5 ta' Ġunju 1988: permezz ta' "Aida" brillanti u spettakoluża, tana serata operistika li tfiet kull prod uzzjoni oħra li saret fl-imgħoddi f'dawn il-gżejjer.

L-opra "Aida" ser tibqa' tissemma għal żmien twil għal-livell għoli li laħqet. Mil-lat mużikali l-artisti prinċipali barranin, Yasuko Sato, Ambra Vespasiani, Gaetano Bardini, Ettore Nova u Bernardino di Bagno, paxxew lil kulħadd bil-vuċijiet sbieħ tagħhom. B'mod partikolari Vespasiani, Nova u Sato iddistingwew ruħhom fuq sħabhom u taw prova tal-fama kbira li jgawdu f'uħud mill-aqwa tejatri tal-opra fl-Ewropa.

It-tliet kantanti Maltin li ngħaqdu mal-Cast tal-artisti internazzjonali, Joe Vella Bondin, Rosabelle Pavia u Brian Cefai, ukoll intlaqgħu tajjeb ħafna u t-tlieta ġew imfaħħra għall-impenn li għamlu f'din l-opra.

Għal darb'oħra l-Kor tal-Opra tat-Teatru Astra reġa' kien f'burdata mill-aqwa, u deher ċar li kien imħarreġ intensivament mit-tliet surmastrijiet responsabbli mit-tagħlim: John Galea, Maria Frendo u Colin Attard. Ix-xogħol kbir li wettqu dawn it-tliet surmastrijiet żgħażagħ ta l-frott tiegħu għax il-Kor kien dejjem preċiż, perfett u intonat tajjeb f'kull numru li kanta.

Mro. Joseph Vella, li din id-darba wkoll kellu f'idejh id-direzzjoni mużikali, reġa ħareġ bl-unuri kollha. Kemm il-kantanti, il-kor kif ukoll l-orkestra kienu kunfidenti għal kollox taħt it-tmexxija għaqlija tiegħu. Is-suċċess miksub fl-opra huwa prinċipalment mertu tiegħu.

Żewġ persuni oħra li kellhom sehem kbir fil-produzzjoni kienu Manuel Grima u George Farrugia. Dawn taw servizz indispensabbli fit-taqsima tad-disinji, tifsil u ħjata tal-għadd kbir ta' kostumi li nħietu għall-opra. Verament jimmeritahom prosit għax-xogħol diżinterssat li wettqu. M. Grima kien saħansitra Co-Producer ma' Prof. Franco Vacchi (persuna ferm intelliġenti) u koreografija taż-żifna tal-Moretti. Regward il-koreografija ta' min isemmi wkoll lil Alison White u l-Group ta' żeffiena tagħna li b'abbiltà u majestrija liema bħala komplew jagħtu aktar ħajja u kulur lill-opra.

Iż-żewġ rappreżentazzjonijiet saru taħt il-ħarsien distint tal-Onor. Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami u s-Sinjura tiegħu. Bosta personalitajiet distinti attendew għall-ewwel rappreżentazzjoni, fosthom li Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, Ministri tal-Kabinett, membri tal-Korp Diplomatiku u Deputati Għawdxin.

Il-Management tat-Teatru Astra tabilħaqq jimmeritah kull tifħir għall-kuraġġ kbir tiegħu li jtella' din l-opra grandjuża. Kienet inizjattiva kolossali li setgħet fissret telf ta' mijiet ta' liri, li mill-banda l-oħra ħalliet warajha sodisfazzjoni enormi, u ġieh bla qies għat-teatru nnifsu u għall-gżira Għawdxija.




## ASTRA TOURS

**1988**

**Tour No 1.**
FRANZA (Lourdes), SPANJA, ITALJA
28 ta' Lulju - 9 t'Awissu

**Tour No 2.**
ITALJA - AWSTRIJA
3 - 12 t'Awissu

**Tour No 3.**
ĠERMANJA - AWSTRIJA
31 ta' Lulju - 9 t'Awissu

**Tour No 4.**
ĠERMANJA - SKANDINAVJA
**FULLY BOOKED**

***Għal iktar informazzjoni ċemplu ISSA 551004, 556256, 556236, 627016***